MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2015

Numru. 918/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Luke Bonello)**

**Vs**

**Andrew Fenech**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

Kumpilazzjoni Numru: 918/2013

Illum 4 ta' Mejju, 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Andrew Fenech, iben Edward u Victoria nee' Micallef Somerville, imwieled l-Pieta' nhar it-8 ta' Settembru 1994, residenti gewwa 126, Continentali, Triq Rodolfu, Ta' Sliema u detentur ta' karta ta' l-identita' numru 392294M talli nhar il-21 ta' Settembru 2013, ghal-habta ta' 00:15am, gewwa San Giljan:

1. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur ta' artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti, u dan bi ksur ta' artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Pc127 Clyde Agius f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, ta' l-istess Pc127 Clyde Agius, liema hsara hija ta' natura hafifa, u dan bi ksur ta' l-artikoli 221(1) u 222(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra Pc127 Clyde Agius, sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara, u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur ta' l-artiklu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdix l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skont il-ligi, u dan bi ksur ta' artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, fejn l-ammont tal-hsara ma jiskorrix il-mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), imma izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), ghad-detriment ta' Pc127 Clyde Agius, u dan bi ksur ta' artikolu 325(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-artikoli 214, 221(1) u 222(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 95 u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 338(dd) u (ee) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi min-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta' l-Avukat Generali jidher illi l-imputat jinsab akkuzat b'mod ewlieni bir-reati konnessi mal-ingurji u vjolenza kontra ufficjali pubblici u precisament bir-reati ikkontemplati fl-artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Imbaghad jinsab akkuzat li kkaguna ferita ta' natura hafifa u b'diversi kontravenzjonijiet.

Illi dan il-kaz jitratta incident li sehh gewwa *bar* f'Paceville. L-ufficjal pubbliku involut huwa Pc127 Clyde Agius. L-imputat kien f'dan il-bar mat-tfajla tieghu u shabhom. Mill-provi jirrizulta stabilit li Pc127 Clyde Agius u zewg kollegi ohra tieghu kienu dettaljati gewwa stabbiliment biex jissorveljaw kien kienx qieghed isir tipjip. Huma ma kienux lebsin l-

uniformi tal-Pulizija izda kienu lebsin pajzana. Fix-xhieda tieghu[1] Pc127 Clyde Agius jispjega li hekk kif huwa u l-kollegi tieghu kienu dehlin gewwa Dash Club huwa nnota zewg tfajliet li kienu qeghdin ipejpu u huwa waqaf sabiex jirrappurtahom. Huwa identifika ruhu maghhom li kien pulizija billi uriehom il-card tal-pulizija u talabhom ituh id-dettalji taghhom. Huwa kompla li hass lil xi hadd jimbuttah u kif dar ra lill-imputat u qala' daqqa ta' ponn f'ghajnejh. Ikompli li huwa gie mitfugh mal-art u beda jaqla' xi daqqiet u kif ra lill-persuna hierga l-barra hdejh kien hemm security dak il-hin u identifika ruhu mas-security bhala pulizija u qallu biex izomm lill-imputat billi kien aggredih. PS343 li kien dettaljat maghhom ukoll arresta lill-imputat u minn hemmhekk l-imputat ittiehed fil-vann u Pc127 mar l-isptar.

Il-versjoni moghtija mill-imputat mhix wisq differenti. Huwa ghazel ukoll li jixhed f'dawn il-proceduri. Huwa xehed li dakinhar kien sejjer biex jixtri drink ghalih u habat ma' ragel li ma kienx jaf min kien. Dan dar fuqu u qabadlu jdejh u l-imputat gibidlu jdejh u mbuttah lura ghax ma kienx jaf min kien. L-imputat dar biex jitlaq u dan ir-ragel staqsih kienx jaf min huwa u l-imputat jixhed li hemmhekk tfixkel u dan ir-ragel dawwar idejh m'ghonqu u ma dahru u qallu biex imur mieghu. Dak il-hin ma qallux min kien. Billi ma kienx jaf min kien l-imputat jixhed li tfixkel ghaliex huwa ried li dan il-bniedem jersaq il-boghod minnu ghaliex ma kienx fehem ghaliex kien qed jaqbdu u b'hekk imbuttah u spiccaw jiggieldu ma' l-art. Imbaghad ipprova jahrab u qam bil-wieqfa u mar fejn il-*bouncer.* U imbaghad gie arrestat u bdew ighidulu li kienu CID u tefghuh fil-vann. Dak il-hin staqsihom kienux se jaghtuh xi xebgha.

Il-pulizija li kienu xoghol ma' Pc127 ma rawx kif sehh l-incident u lanqas hu l-imputat ma ra kif dan l-incident beda. Jinghad mill-ewwel li ssemmew zewg tfajliet li Pc 127 ighid li talabhom id-dettalji taghhom

[1] Seduta tad-9 ta' Ottubru 2013

billi kienu qeghdin ipejpu izda dawn ma ttellghux biex jaghtu d-deposizzjoni taghhom u lanqas nies ohra li kienu prezenti dak il-hin fil-bar. Ghalhekk il-Qorti ghandha biss il-versjonijiet ta' Pc127 u ta' l-imputat f'dawn l-atti.

**L-Ewwel Zewgt Imputazzjonijiet**

Illi nkawntu ghal dawn l-ewwel zewg imputazzjonijiet, id-disposizzjonijiet tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju tieghu ghal gudizzju huma l-artikolu 95 u 96 tal-Kapitolu 9. Illi irid jigi rrilevat mill-bidu nett illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta' l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-motiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-motiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-

ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu ighid:

"*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person*." (sottolinjar tal-Qorti)

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Borg jinghad:

*"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."* (sottolinjar tal-Qorti).

L-awturi kollha Taljani fosthom il-Maino u il-Carrara isotnu:

*"Non occorre che il pubblico ufficiale vesta la divisa, ma la sua qualita debe essere nota a chi resiste."*

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi li jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Mamo ikompli ighid: *"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith."* Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss.

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu iwasslu ghal htija taht dina id-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun libsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi il-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu ix-xjenza tal-persuna li qed tikkometti dana ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti il-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana ir-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) –*

*"waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".*

Illi mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti fatti:

- Pc127 Clyde Agius kien dettaljat gewwa l-istabbiliment inkwistjoni sabiex jissorvelja li ma jsirx tipjip. Huwa u l-kollegi tieghu kienu lebsin pajzana.
- L-imputat kien fl-istess bar flimkien mat-tfajla tieghu u shabu.
- Pc127 waqaf biex jiehu d-dettalji ta' zewg tfajliet li kienu qeghdin ipejpu. Huwa identifika ruhu maghhom billi hareg il-card tal-pulizija.
- Kif appena Pc127 Clyde Agius identifika ruhu mat-tfajliet dahhal il-card tal-pulizija fil-but u kellu l-ktieb biex jikteb id-dettalji li baqa' f'idejh. Dawn it-tfajliet ma gewx prodotti bhala xhieda f'dawn il-proceduri.
- Hemm qbil li l-imputat kien gej minn wara dahar Pc127 Clyde Agius u ghalhekk zgur li ma rax lill-istess pulizija jidentifika ruhu mat-tfajliet. L-imputat ma kienx jafhom lil dawn it-tfajliet.
- Pc127 Clyde Agius meta xehed fl-ebda hin ma semma li huwa kien identifika ruhu bhala pulizija ma' l-imputat.

Illi jirrizulta car illi l-imputat qatt ma jista jinstab hati ta' l-ewwel zewg akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u cioe' tar-reati ikkontemplati fl-artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9. Dana qed jinghad peress illi fl-ewwel lok, l-uniku element komuni ghaz-zewg reati ma giex ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi fil-kamp penali. Illi l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli illi huwa ma kienx a konoxxenza tal-fatt illi dan ir-ragel kien pulizija. Kwindi l-imputat ma seta qatt kellu l-*mens rea* rikjesta sabiex jisussistu dawn iz-zewg reati.

Illi jinghad li x-xhieda ta' Pc127 Clyde Agius inkwantu ghal mod kif allegatament gie aggredit mill-imputat ossija li hekk kif kien qieghed

jiehu d-dettalji tat-tfajliet, hass lil xi hadd jimbuttah u kif dar qala′ daqqa ta′ ponn hija wahda xi ftit jew wisq simplicistika ta′ kif sehh l-incident. Infatti din il-Qorti tqis li hija aktar verosimili l-versjoni moghtija mill-imputat li huwa fil-fatt habat ma′ Pc127 ghalkemm dak il-hin ma kienx jaf li dan kien pulizija billi kien pajzan. Huwa evidenti li Pc127 haseb li l-imputat fil-fatt kien imbuttah u mhux sempliciment laqtu. Ghalhekk qabad idejn l-imputat u staqsih jekk kienx jaf min kien. Biss pero′ lanqas f′dan l-istadju ma nfurmah li kien pulizija. L-imputat meta hass idejn Pc127 fuq idejh, tenut kont li ma kienx jaf ma min kien qieghed jitkellem, ipprova jimbuttah. Temmen lill-imputat li Pc 127 dawwar idejh ma′ ghonq l-imputat u qallu biex imur mieghu. F′dan l-istadju l-imputat irreagixxa u spiccaw fl-art jiggieldu. Temmen lill-imputat anki ghaliex l-imputat ma kienx jaf lit-tfajliet u allura zgur li ma jaghmel l-ebda sens li b′xi mod imur jindahal ghal dak li kien qieghed jigri anki ghaliex ladraba ma setax ikun jaf li Pc127 kien pulizija zgur li ma setax jippresupponi li dan kien qieghed jiehu d-dettalji tat-tfal u oltre′ dan ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn l-imputat jaqbad u jxejjer daqqa ta′ponn ghal xejn b′xejn.

**It-Tielet Imputazzjoni**

Illi jmiss li jigu ikkunsidrati l-akkuzi ikkontemplati fl-artikoli 221 u 222(1)(C) dwar il-griehi ikkagjonati mill-imputat fuq Pc 127 Clyde Agius. Illi ma hemmx dubbju illi fil-kors tat-taqtiegha bejn l-imputat u dan l-ufficjal tal-pulizija l-imputat ikkagunalu xi griehi hfief[2] liema griehi huma kompatibbli ma daqqa ta′ ponn u abrazjonijiet ohra meta kienu qeghdin jiggieldu ma′ l-art. Ghaldaqstant l-imputat ser jigi misjub hati ta′ dan ir-reat.

[2] Ara certfikati medici Dok LB3, LB4 u LB5 debitament ikkonfermati bil-gurament.

**L-imputazzjonijiet l-ohra**

Illi r-raba' imputazzjoni tirrizulta billi jirrizulta li l-imputat meta l-pulizija zammlu jdejh huwa qabad u imbuttah u kien minn dan li imbaghad kompla l-incident.

Il-hames imputazzjoni tirrizulta billi m'hemmx dubju li b'dak li sehh inkiser il-bon-ordni.

Is-sitt imputazzjoni ma tirrizultax billi ma jirrziultax mill-atti li huwa inghata xi ordni mill-pulizija u li m'obdihx. Lanqas is-seba' imputazzjoni ma tirrizulta billi m'hemmx prova tal-valur tal-qmis li tqattghet.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti se tiehu in kunsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Huwa evidenti li l-imputat ma rrealizzax li Pc 127 kien pulizija li qieghed f'dak l-istabiliment fuq xoghol. Min-naha tieghu Pc 127 haseb li l-imputat kien qieghed jitkessah u li tah daqqa minn wara mentir fil-fatt l-imputat kien laqtu anki ghaliex fil-bar kien hemm diversi nies. Ghaldaqstant dan l-ufficjal ipprova jwaqqaf lill-imputat li min-naha tieghu kien perpless u ghalhekk dan l-incident sehh frott ta' malintiz. Madankollu l-imputat irid ukoll jgharaf iqis l-azzjonijiet tieghu ghaliex anki jekk hadd ma jiehu pjacir li xi hadd li ma tafux jaqbadlek idejh madankollu r-reazzjoni ta' l-imputat setghet kienet differenti.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikolu 221(1), 222(1)(c), 339(1)(d) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel, it-tieni, is-sitta u s-sebgha akkuzi migjuba fil-konfront

tieghu, issibu hati tat-tielet, ir-raba u l-hames akkuzi, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------